C/2025/2951

21.5.2025

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/966, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/965 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja

(C/2025/2951)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/966 ([2]), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/965 ([4]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja.

L-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2024/2642 jeħtieġ li dawk il-persuni, l-entitajiet jew il-korpi jirrappurtaw, fi żmien sitt ġimgħat mid-data tal-elenkar tagħhom fl-Anness I, fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru li jappartjenu lilhom, huma proprjetà tagħhom, jinżammu jew huma kkontrollati minnhom, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu dawk il-fondi jew riżorsi ekonomiċi. Jeħtieġ li jikkooperaw mal-awtorità kompetenti nazzjonali fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni. Nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi ser titqies bħala ċirkomvenzjoni tal-miżuri dwar l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi.

Jeħtieġ li l-informazzjoni li għandha tiġi rrappurtata tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti, permezz tas-sit web tagħha kif indikat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/2642 ([5]).

([1]) ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj.
([2]) ĠU L, 2025/966, 20.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/966/oj.
([3]) ĠU L, 2024/2642, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2642/oj.
([4]) ĠU L, 2025/965, 20.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/965/oj.
([5]) L-aħħar verżjoni konsolidata hija disponibbli fuq https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/2642/oj